**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 128**
**It-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8780. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru u l-awtoritajiet konċernati m'għandhom l-ebda kuntratti ta' dan it-tip.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8781. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet m'hemmx influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8782. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru u l-awtoritajiet u aġenziji li jaqgħu taħti m'għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu x-xogħol li qed isir mill-Ministeru jew mill-awtoritajiet u l-aġenziji.

Seduta 128
30/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8783. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Uffiċċju tal-Prim Ministru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' jgħid għal kull kuntratt kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninfurma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u/jew aġenziji fid-dekasteru tal-istess uffiċċju ma għandhomx kuntratti ta dan it-tip.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8784. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on ResourcingPolicies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - IMPJEGATI FL-UFFIĊĊJU/I TAL-KOSTITWENZA**

**8785. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjegati tas-segretarjat privat huma ingaġġati u jaħdmu b'rispett sħiħ u konsistenti mal-Engagement of Staff for Ministers' Secretariat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2012. Dawn il-linji gwida għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures li jikkumplimenta l-Public Service Management Code.

Seduta 128
30/05/2023

**RIVISTA S-SAGĦTAR – SPIŻA**

**8836. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rivista *Sagħtar* tinxtarax mill-Ministeru direttament mingħand il-Fondazzjoni Sagħtar? Jekk iva, jista' jgħid kemm hi n-nefqa u jekk tinxtarax b'direct order?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8907. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant qiegħda fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| Entity | Address | Commencement Date | Cost per Annum | Up to date | May extend up to |
|---|---|---|---|---|---|
| **ARUC** | Onda Business Centre, Level 4, Triq Aldo Moro, Marsa | 17th Jan 2022 | €46,000 | 16th Jan 2025 | 16th Jan 2027 |
| **AWAS** | 90, Dar il-Liedna, Triq il-Liedna, Fgura | 27th Sep 2006 | €29,334.72 | 26th Sept 2023 | |
| **Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence** | Zentrum Business Centre, Triq l-Imdina, Ħal Qormi | 17th Mar 2021 | 1st Year - €58,500<br>2nd Year - €58,500<br>3rd Year - €61,425<br>4th Year - €61,425<br>5th Year - €61,425<br>6th Year - €64,496<br>7th Year - €64,496 | 16th Mar 2028 | |
| **Identity Malta Agency** | Triq il-Palma, Paola - Store | 01-Apr-18 | €21,600.00 | 31-Mar-24 | |
| | Floors 1 & 2 Onda Buildings, Marsa - Passport Office & Research Unit | 01-Dec-15 | €90,700.00 | 30-Nov-23 | |
| | Ground floor & basement - Onda Buildings, Marsa | 01-Mar-17 | €53,750.00 | 30-Nov-23 | |
| | Floor 5 - Onda Buildings, Marsa | 01-Mar-18 | €30,000.00 | 30-Nov-23 | |
| | IMA Office Block, Msida - Offices and storage space | 14-Aug-18 | €768,064.00 | 13-Aug-26 | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | IMA Office Block, Msida - Additional 1,451 square metres office space | 01-Apr-19 | €287,298.00 | 13-Aug-26 | |
| **IPA** | Ground Floor and First Floor, Fafner House, Triq Nazzjonali, Hamrun | 1st Aug 2018 | €78,867 | 31st Jul 2023 | 31st Jul 2028 |
| | Flat 1, 2 and 4, Second Floor, Fafner House, Triq Nazzjonali, Hamrun | 1st Aug 2018 | €41,080 | 31st Jul 2023 | 31st Jul 2028 |
| | Fourth Floor, Fafner House, Triq Nazzjonali, Hamrun | 1st Oct 2022 | €55,000 | 31st Jul 2023 | 31st Jul 2028 |
| **Komunita Malta** | B 24 Upper Midland Micro Enterprise Park, Triq Burmarrad, in-Naxxar | 1st Mar 2021 | €31,020 | 28th Feb 2024 | |
| **LESA** | 18 Car garage, 94, Triq l-Orsolini, Pieta | 1st Feb 2022 | €20,000 | 1st Feb 2025 | |
| | Fgura Adminsitrative Offices, 246, Mater Boni Consigli Street, Fgura | 2nd Jul 2018 | €99,000 + 2% annual increase | 30th Jun 2028 | |
| | Fgura 1 Car garage, and 2 Car Garage, 232, Mater Boni Consigli Street, Fgura | 2nd Jul 2019 | €4,500 + 2% annual increase | 2nd Jul 2023 | Renewed yearly |
| | Mosta 12 Car garage, St Joseph Warehouse', Triq in-Naqqax, Mosta | 15th Jun 2020 | €9,000 | 15th Jun 2023 | |
| **Residency Malta** | Zentrum Business Centre, Level 2, Triq l-Imdina, Ħal Qormi + 40 parking spaces | 5th Feb 2020 | €104,854 | 4th Feb 2025 | 3% increase every 2 years |
| **VSA** | Head Office, 52, Old Theatre Str Valletta | 1st Apr 2021 | €146,170 | 31st Mar 2027 | |
| **VSA - Regional Premises - Northern Regional Centre** | Franciscan Qawra Parish | 3rd Oct 2022 | €1,000 | 2nd Oct 2023 | |

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8908. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jinnota t-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fejn l-Awtorità tad-Djar għandha numru ta' binjiet mikrija mill-privat minn fejn topera.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8909. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7447.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8910. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8911. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Awtorità tal-Ippjanar biss qed tagħmel użu minn żewġ binjiet mikrija li huma s-segwenti:

| Entità | Binja | Bidu tal-kirja | Terminu tal-kirja | Valur tal-Kirja fis-sena (mingħajr VAT) |
|---|---|---|---|---|
| Awtorità tal-Ippjanar | Uffiċju tad-Direttorat tal-Konformità u l-Infurzar | 20/08/2018 | 19/08/2026 | €168,912.00 |
| Awtorità tal-Ippjanar | Maħżen | 04/08/2004 | 02/04/2025 | €42,000.00 |

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8912. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-24 ta' Mejju 2023.

Seduta 128
30/05/2023

**MFHEA – REVIŻJONI TAL-OPERAT**

**8959. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8332 u 8706 u jgħid jekk matul dawn l-aħħar snin saritx reviżjoni indipendenti tal-operat tal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) u jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn ir-rakkomandazzjonijiet, minn min saru u jqiegħed kopja ta' dan fuq il-Mejda tal-Kamra?

18/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**OMBUDSMAN GĦALL-EDUKAZZJONI – KAŻ KONTRA L-MFHEA**

**8960. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8327 u 8707 u jgħid jekk huwiex minnu li matul is-sena li għaddiet l-Ombudsman għall-Edukazzjoni rrakkomanda każ kontra l-Malta Further & Higher Education Authority, (MFHEA), u jekk dan huwa minnu, kemm kienet l-ispiża inkorsa, x'kienet in-natura tal-każ u min approva l-pagamenti relattivi?

18/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**MFHEA – KONSULENTI**

**8961. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8328 u 8708 u jgħid kemm hemm konsulenti ingaġġati mal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) u kemm minnhom ġew hekk ingaġġati fl-aħħar sentejn? Jista' wkoll jgħid jekk dawn sarux bl-approvazzjoni tal-Bord relattiv?

18/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**MFHEA - INFIQ**

**8962. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8330 u 8709 u jikkonferma li fl-aħħar erba' snin l-infiq fil-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) qabeż in-€0.5 miljun ta' dak li kien approvat mill-estimi?

18/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**IL-FURJANA – MANUTENZJONI TAŻ-ŻONA WARA L-LIBRERIJA PUBBLIKA ĊENTRALI**

**8963. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8710, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8484, jista' l-Ministru jara li ssir spezzjoni fuq il-parti ta' wara tal-Librerija Pubblika Ċentrali l-Furjana faċċata tal-Msida Bastion Historic Garden, int u tiela' lejn l-Uffiċini tal-Kumissarju tat-Taxxi Interni billi mhijiex tiġi kkurata u miżmuma tajjeb?

18/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 128
30/05/2023

**PILLOLI ELTHROXINE OUT OF STOCK**

**8964. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-pilloli Elthroxine 50mg ilhom out of stock għal madwar xahrejn u meta se jerġgħu jkunu in stock?

18/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi pilloli Elthroxine 25mg huma in stock.

Seduta 128
30/05/2023

**POYC – INHALERS**

**8965. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'tip ta' inhalers huma approvati fuq il-POYC u liema minnhom huma out of stock?

18/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 8819.

Seduta 128
30/05/2023

**BIRKIRKARA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – XOGĦOL**

**8966. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitlesta x-xogħol fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara? X'inhu l-pjan ta' xogħlijiet għaċ-ċentru ta' Birkirkara, xahar b'xahar, sat-tlestija tiegħu?

18/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara ppjanat li jiftaħ il-bibien tiegħu fit-tielet kwart tal-2023.

Seduta 128
30/05/2023

**BIRKIRKARA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – XOGĦOL**

**8967. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex f'Jannar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara waqfu għal xi ġimgħat?

18/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma jirriżultax li x-xogħlijiet li kienu qed isiru fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara waqfu.

Seduta 128
30/05/2023

**BCRS - OPERATURI TA' BARS U RISTORANTI – FIFJUŻJONI TA' DEPOŻITU FUQ KULL FLIXKUN**

**8995. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li l-operaturi ta' bars u ristoranti li għandhom ftehim mal-operatur tal-BCRS għadhom ma ħadu l-ebda ħlas lura tal-10 ċenteżmi depożitu fuq kull flixkun li jkunu ħallsu malli xtraw il-prodott, u dan minkejja l-fatt li ilhom xhur jgħaddu dawn l-istess kontenituri lill-BCRS?

19/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, skont il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fl-iskema, l-operatur huwa obbligat li jirrifondi d-depożitu fuq il-kontenituri miġburin fi żmien 120 ġurnata. Fil-fatt, ninsab infurmata li r-rifużjonijiet tal-kontenituri li ġew ritornati f'Novembru 2022 ingħataw f'Marzu 2023, filwaqt li r-rifużjonijiet ta' Diċembru 2022 tħallsu f'April 2023.
Min ikollu xi diffikultà jew mistoqsija dwar din l-iskema jista' jitkellem dirett mal-operatur jew jagħmel kuntatt mar-regolatur li huwa Circular Economy Malta fuq 2226 8200 jew info@cemalta.gov.mt

Seduta 128
30/05/2023

**SKEJJEL PRIMARJI – LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**8996. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li rriżenjaw mill-impieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

19/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA GĦAWDXIN**

**9003. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hemm ħaddiema Għawdxin jaħdmu f'Għawdex f'dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex?

22/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit. Forsi l-Onor. Interpellant ikun jista jindika dipartiment/aġenzija speċifika.

Seduta 128
30/05/2023

**GĦAWDEX – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**9004. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1672, li ngħatat fil-21 ta' Ġunju 2022, u għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3681 li ngħatat fis-16 ta' Novembru 2022, dwar kemm fl-aħħar żewġ leġiżlaturi (2013–2022) saru toroq jew partijiet minn toroq f'Għawdex li ngħataw il-base course biss u sal-lum għadhom ma ngħatawx il-wiċċ finali, fejn ġie mwieġeb li "ix-xogħol fuq il-maġġor parti tagħhom (Triq tal-Ħanaq Nadur, Triq Franġisk Portelli Għarb, Triq l-Imgħallem Victoria, Triq Daħlet Qorrot Nadur u Triq Papa Piju XII Qala) għadu għaddej u se jingħataw il-wearing course dalwaqt", jista' l-Ministru jgħid f'kull triq li ssemmiet fit-tweġiba meta nbeda x-xogħol fuqha, kemm tħallsu flus s'issa fuq kull triq, liema xogħlijiet għad fadal isiru, fiex jikkonsistu, u meta se jingħata l-wearing course? Jista jgħid f'kemm minn dawn it-toroq tlesta x-xogħol kollu, inkluż il-wearing course, f'dawn l-aħħar ħames xhur u nofs?

22/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**PSIKOTERAPISTI LI NGĦATAW IL-WARRANT**

**9005. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm mid-29-il psikoterapista li ngħataw il-warrant se jaħdmu fis-settur pubbliku u f'liema dipartimenti?

22/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**MALTA FILM STUDIOS – RATE CARD**

**9027. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jippubblika r-rate card preżenti tal-Malta Film Studios? Jista' jgħid kif jiġu stabbiliti r-rati tal-Malta Film Studios u min japprova t-tibdil minn sena għal sena?

23/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija kummerċjalment sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ SANTA TEREŻA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9039. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Santa Tereża?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ SAN ĠORĠ PRECA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9040. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ SANTA MARGERITA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9041. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Santa Margerita?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ SAN BENEDITTU – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9042. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Benedittu?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ SANTA KLARA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9043. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Santa Klara?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**KULLEĠĠ MARIA REĠINA – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9044. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Maria Reġina?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9038.

Seduta 128
30/05/2023

**WINDFARMS – STUDJI LOKALI**

**9064. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 8677 u tgħid liema studji dwar il-wind farms ġewwa Malta saru f'isem il-Gvern ta' Malta, jew mill-Gvern ta' Malta, matul is-snin? Meta saru dawn l-istudji? X'kienu r-riżultati ta' dawn l-istudji? Tista' tqiegħed kopja ta' dawn ir-rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra?

23/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, matul is-snin l-imgħoddija, saru numru ta' studji dwar il-possibbiltà li f'pajjiżna tiġi ġġenerata l-enerġija mir-riħ. Iċ-ċokon u l-limitazzjonijiet ta' pajjiżna, flimkien ma' fatturi ġeografiċi u ambjentali oħrajn, ma kinux jagħmluha fattibbli li wieħed jinstalla wind farms fuq l-art jew oħrajn marbutin ma' qiegħ il-baħar.

Illum it-teknoloġija qed tkompli tiżviluppa b'pass aktar mgħaġġel, għalhekk qed naraw il-possibbiltà li jiġu żviluppati floating windfarms f'baħar aktar fond. Bħalissa qegħdin isiru aktar studji u tħejjijiet sabiex ikun sfruttat dan il-potenzjal.

Id-dokumenti mitluba mhux jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra minħabba li dawn jinvolvu volum kbir ta' karti. Għaldaqstant, kemm-il darba l-Onor. Interpellanta tixtieq, nista' ngħaddilha soft copy tagħhom.

Seduta 128
30/05/2023

**GĦASRI GĦAWDEX – TRIQ WIED SARA - XOGĦLIJIET**

**9065. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew u jkunu finalizzati x-xogħlijiet kollha fi Triq Wied Sara, fl-Għasri Għawdex, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna u ta' periklu għas-sewwieqa li jgħaddu minn din it-triq? Jista' jgħid jekk hemmx fondi vvotati għal dan ix-xogħol u jekk iva, kemm jammontaw dawn il-fondi?

23/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kunsill lokali tal-Għasri ngħata fondi mill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir din it-triq. Ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali msemmi ħareġ it-tender bl-isem 'GSR-2020-1 Tender for the resurfacing of Triq Wied Sara with Asphalt'.

Seduta 128
30/05/2023

**GĦAWDEX – VETTURI TOWED**

**9066. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm vetturi li ġew towed, raħal b'raħal, ġewwa Għawdex mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid fejn jinżammu ġewwa Għawdex dawn il-vetturi u xi jsir minnhom?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi minn verifiki li saru, il-vetturi li ġew towed, raħal b'raħal (fejn applikabbli), ġewwa Għawdex kien kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt. Dawn il-vetturi jinżammu fil-fond tal-kuntrattur sakemm is-sid ikun jista' jirkupra l-vettura, wara li jkun ħallas mitejn Ewro flimkien ma' penali ta' ħmistax-il Ewro oħra għal kull lejl li kienet miżmuma. Meta u jekk il-vetturi ma jiġux irkuprati mis-sidien, jinħarġu l-Avviżi tal-Pulzija għal dan il-għan u għal informazzjoni tal-pubbliku, skont il-liġi, fejn wara l-perjodu stipulat il-vetturi jkunu jistgħu jinbiegħu jew mormija.

| Lokalità | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Victoria | 7 | 9 | 17 | 22 | 24 | 24 | 10 |
| Għasri | - | - | - | - | - | 1 | - |
| Sannat | 3 | 3 | 1 | - | - | 1 | 1 |
| Żebbuġ | 1 | 8 | 8 | 7 | 6 | 4 | 2 |
| Għarb | 1 | 1 | 1 | - | - | 1 | 1 |
| Għajnsielem | 37 | 34 | 37 | 24 | 5 | 10 | 3 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qala | 1 | - | 1 | 1 | - | 3 | 1 |
| Xagħra | 1 | 4 | 2 | - | 5 | 3 | 1 |
| Nadur | - | 2 | 4 | 2 | - | 1 | - |
| San Lawrenz | - | 1 | - | 1 | - | - | - |
| Munxar | - | 1 | 6 | 3 | 3 | - | 1 |
| Xewkija | - | 1 | 1 | 2 | 1 | - | 2 |
| Kerċem | - | - | 2 | - | - | - | - |

Seduta 128
30/05/2023

**GĦAJNSIELEM, GĦAWDEX – TRIQ SANT'ANTNIN - RAILINGS TAL-PROMENADE**

**9067. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu sostitwiti r-railings tal-promenade tal-parti ta' isfel ta' Triq Sant'Antnin li tmiss ma' Triq ix-Xatt ġewwa Għajnsielem, li huma kollha sadid u ta' periklu kbir?

23/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan ix-xogħol fuq ir-railings qed isir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. S'issa nħadmu sebgħa minn disa' biċċiet minn dan ir-railing. Malli jitlestew jintbagħtu għall-galvanizzar u jinżebgħu. Ix-xogħol mistenni jkun lest lejn nofs Lulju.

Seduta 128
30/05/2023

**GĦAWDEX – TITJIB FL-INFRASTRUTTURA TAD-DRENAĠĠ U TAD-DAWL**

**9068. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tipprovdi dettalji dwar il-proġetti u fiex jikkonsistu biex tittejjeb l-infrastruttura tad-drenaġġ u tad-dawl ġewwa l-gżira ta' Għawdex; investiment li huwa essenzjali għal din il-gżira minħabba l-mod kif żdiedet il-popolazzjoni u l-bini f'din il-gżira? Tista' tgħid kemm hi maħsuba li se tkun l-ispiża?

23/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta qed twettaq pjan ta' azzjoni li ser jammonta għal investiment ta' €90 miljun fuq medda ta' sitt snin, investiment medju ta' €15-il miljun kull sena, biex tissaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku madwar il-pajjiż.
Il-grid tal-elettriku t'Għawdex jifforma parti mill-ħoloq tal-grid nazzjonali. L-inġiniera u t-tekniċi tal-Enemalta kontinwament isegwu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali mal-pajjiż kollu u jippjanaw il-proġetti ta' rinfurzar fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku, sew f'Malta u anke f'Għawdex.
Fid-dawl ta' dan, l-Enemalta għandha diversi proġetti maħsuba biex tkompli ssaħħaħ il-provvista u l-infrastruttura tal-elettriku fl-isfond tal-ekonomija vibranti li hemm f'Għawdex. Fost il-proġetti ewlenin li x-xogħol fuqhom diġà jinsab fi stadju avvanzat hemm żewġ substations ġodda tan-Nadur u waħda fix-Xlendi. Ser isir ukoll xogħol ieħor ta' tisħiħ fis-substations tal-Qala, tax-Xlendi u ta' Marsalforn.
Proġett ieħor li wkoll jinsab fi stadju avvanzat huwa dak tat-tqegħid ta' cable ta' vultaġġ għoli miċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tax-Xewkija lejn substation f'Victoria. L-investiment fuq dawn il-proġetti huwa stmat li ser jammonta għal aktar minn €1.5 miljun.
Min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wkoll hemm diversi proġetti li nbdew jew huma ppjanati li jsiru għat-tisħiħ fis-sistema tad-drenaġġ f'Għawdex. Bħalissa għaddejjin xogħlijiet biex jinbidlu l-mejnijiet tad-drenaġġ fil-Pjazza tas-Sannat, fi Triq Hamri kantuniera ma' Triq St. Anthony, f'Għajnsielem, fi Triq tal-Marġa, ix-Xagħra, mejn ġdid għall-isqaq faċċata ta' Sqaq Pergla, ix-Xagħra, kif ukoll issir estensjoni ta' mejn tad-drenaġġ fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Tuta, f'Kerċem.
Diġà hemm ippjanat ukoll biex fix-xhur li ġejjin jinbdew xogħlijiet biex jinbdilu mejnijiet fil-parti ta' fuq ta' Triq Wied Sara, fl-Għasri kif ukoll biex jiġi mgħoddi mejn ġdid tad-drenaġġ fi Triq it-28 ta' Aril 1688, fil-Qala. L-investiment għal dawn il-proġetti huwa stmat li ser ikun aktar minn €1.8 miljun.

Seduta 128
30/05/2023

**JUVENILE COURT - SENTENZI MOGĦTIJA**

**9079. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8421 u jgħid x'tip ta' sentenza ngħatat għal kull każ li nstabu ħatja tfal taħt it-18-il sena li tressqu quddiem il-Juvenile Court fis-snin 2020, 2021 u 2022?

23/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 9078.

Seduta 128
30/05/2023

**FSWS – SOCIAL WORKERS**

**9080. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8417 u jgħid kemm kien hemm social workers jaħdmu mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Socjali (FSWS), sena b'sena, mis-sena 2012 sas-sena 2022? Għal kull sena jista' jgħid:
a. kemm minn dawn il-professjonisti telqu mill-FSWS;
b. kemm minn dawn il-professjonisti ħadu transfer fi ħdan l-istess fondazzjoni biex saru Terapisti jew Counsellors; u
ċ. kemm minn dawn il-professjonisti ħadu kariga fil-Management fi ħdan l-FSWS?

23/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**9081. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8418, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari fl-intier tagħha u jispeċifika f'termini ta' numru u kategoriji l-kwalifiki li għandhom dawn is-Social Welfare Professionals fi ħdan il-Fondazzjoni (FSWS) (ċjoè skont is-suġġett u/jew kategorija tal-kwalifika f'Livell 6 fl-Istudji Umanistiċi)?

23/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninform lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**FSWS – SERVIZZI MOGĦTIJA FL-2022**

**9082. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8634 u jagħti klassifikazzjoni tas-servizzi li rrikorrew għalihom it-22,007 persuni li talbu l-għajnuna tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) matul l-2022?

23/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**NUQQAS TA’ ĦLAS TA’ MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**9083. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2022 instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

23/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**NUQQAS TA’ ĦLAS TA’ MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**9084. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2020 effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

23/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**SAHRA MINN CARERS**

**9086. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8874 u jgħid x'kien in-numru ta' sigħat maħduma sahra fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, minn:
a. carers Third Country Nationals (TCN) (kemm li huma mqabbdin direttament kif ukoll permezz ta' aġenzija tax-xogħol);
b. carers Maltin; u
ċ. carers li jiġu minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea?

24/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' sigħat maħduma f’sahra minn carers Maltin tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| | **2022** | **2023 (till pay 4)** |
| **MDH** | 78764.95 | 23180.5 |
| **MCH** | 44208 | 18400 |
| **SAMOC** | 5196.51 | 2828.99 |
| **RHKG** | 32453.88 | 15211.44 |
| **GGH** | 32453.88 | 15211.44 |

Seduta 128
30/05/2023

**SAHRA MINN CARERS**

**9087. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8875, jista' l-Ministru għid x'kien in-numru ta' sigħat maħduma sahra fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari minn:
a. carers Third Country Nationals (TCN) (kemm li huma mqabbdin direttament kif ukoll permezz ta' aġenzija tax-xogħol);
b. carers Maltin; u
ċ. carers li jiġu minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea?

24/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi:
a. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tixtri s-servizz ta' carer mingħand il-kuntrattur bis-sigħat li ma jinvolvux sahra. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità m'għandhiex impjegati tal-Gvern li huma Third Country Nationals (TCN).
b. It-total ta' sahra li nħadmu minn impjegati tal-Gvern b'ċittadinanza Maltija hija ta' 20038.82 siegħa.
ċ. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità m'għandhiex impjegati tal-Gvern li huma mill-pajjizi tal-Unjoni Ewropea (mhumiex b'ċittadinanza Maltija).

Fil-każ tal-Anzjanita Attivà u Kura fil-Komunità s-sahra huwa:

| | Total ta' Sigħat 2021 | Total ta' Sigħat 2022 | Total ta' Sigħat 2023 sal-lum |
|---|---|---|---|
| Total | 7916.48 | 8892.80 | 3229.54 |
| | | | |

Fir-rigward ta' San Vinċenz de Paule dan ma jkollux informazzjoni dwar carers li huma Third Country Nationals u li ġejjin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.
Dwar is-support staff Maltin, dawn għandhom l-għażla li s-sigħat 'żejda' li jaħdmu, joħduhom Time of In-Lieu kif spjegat fit-tabella hawn taħt mis-sena 2021 sal-lum.
L-ammonti għolja fl-2021 u fl-2022 kienu minħabba l-protokolli tal-pandemija tal-COVID-19.
Fil-każ ta' San Vinċenz de Paule:

| | Overtime by support staff | TOIL by support staff |
|---|---|---|
| **2021** | 38714 | 2271 |
| **2022** | 70316 | 3772 |
| **2023** | 23507 | 1230 |

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9096. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9097. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għandu 29 ħaddiem tal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9098. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9099. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9100. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 5 ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħi fejn 2 huma cleaning u 3 huma security.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9101. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet hemm 60 ħaddiem li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur.

Seduta 128
30/05/2023

**ĊENTRI S.T.E.A.M.**

**9139. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8248, 8511 u 8701 u jgħid kemm hawn ċentri S.T.E.A.M. madwar Malta u Għawdex? Fejn jinsabu dawn iċ-ċentri? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri u kemm sar investiment f'kull ċentru?

24/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hawn 6 ċentri ta' S.T.E.A.M u l-għalliema jistgħu jgħamlu użu mir-riżorsi skont il-pjan ta' tagħlim.

Seduta 128
30/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9157. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8544 u 8757 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Promotion from associate to full Professor and extension of appointment beyond statutory retirement age*" datat 6 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9158. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8545 u 8758 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not fully accepted: unfair treatment during a scholarship interview*" datat 24 ta' Jannar 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet (jew parti minnhom) ġew injorati?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9159. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8546 u 8759 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Primary school teacher on a career break not allowed to work temporarily in the private sector*" datat 9 ta' Mejju 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - ĦAJT**

**9161. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-ħajt li hemm fil-Pjazza De Paule, ġewwa Raħal Ġdid, li miegħu kellhom jitkabbru numru ta' pjanti, jiġi kkurat?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li l-istess Kunsill qiegħed jiddiskuti u jesplora diversi toroq 'il quddiem b'rabta mas-suġġett inkwistjoni.

Seduta 128
30/05/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI – LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**9176. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel, u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom, matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TRUNĊIERA – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING JEW PELICAN LIGHTS**

**9183. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ikkunsidrax talba biex issir zebra crossing jew pelican lights jew xi forma ta' mezz ieħor sabiex persuni jkunu jistgħu jaqsmu t-triq b'mod sigur fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, fiż-żona ta' Triq il-Klamari, hekk kif hemm numru ta' postijiet ta' parkeġġ li jintużaw minn diversi li jkunu jridu jimxu max-xatt tal-Qawra? Jekk iva, meta kkunsidra dan u x'deċiżjoni ttieħdet?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi fil-Laqgħa 63 datata nhar it-Tlieta 25 ta' April 2023, l-istess Kunsill ma laqax talba mressqa biex fi Triq it-Trunċiera jiżdiedu żewġ Zebra Crossings ġodda u dan minhabba li diġà hemm applikazzjoni pendenti biex tiżdied oħra qrib il-'pearched beach' u fl-imsemmija parti tat-triq hemm tnejn (2) oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9189. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninfurma lill -Onor . Interpellanta li ninsab infurmat li la l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-ebda entità jew awtorità fid-dekasteru tal-Prim Ministru, ma ta l-ebda donazzjoni lill-fondazzjoni li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9190. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari li għamlet hi stess numru 16743.

Seduta 128
30/05/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9191. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 16470 tal-Legizlatura XIII, ninsab infurmat illi l-Arts Council Malta tat donazzjoni ta' €1,500 fis-sena 2021 u €500 fis-sena 2022.

Seduta 128
30/05/2023

**RAPPORTI TA' KAROZZI ABBANDUNATI**

**9220. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti ta' karozzi abbandunati li kienu jinsabu pparkjati fit-toroq fis-snin 2021, 2022 u fis-sena 2023 sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? X'sar konsegwenza ta' dawn ir-rapporti u kemm minn dawn il-karozzi ġew irmonkati/imneħħija mit-toroq tagħna? Dawn il-vetturi fejn tqiegħdu?

26/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li minn verifiki manwali li saru mill-Korp tal-Pulizija kien hemm 619-il każ fis-sena 2021, 581 każ fis-sena 2022 u 399 każ sa April ta' din is-sena, fejn il-Pulizija aġixxiet wara rapporti li rceviet, ta' vetturi li kien mitluqa jew abbandunati jew wara li dawn ġew identifikati waqt ir-ronda. Infurmat li fil-maġġoranza tal-każijiet il-vetturi jitneħħew mis-sidien tagħhom wara li titwaħħal in-notifika ta' tneħħija fuq il-vetturi tagħhom. Fil-każijiet fejn vetturi ġew irmunkati mill-Pulizija dawn ġew meħuda fil-kumpless ġewwa ta' Kandja għal Malta u fil-lok indikat mill-kuntrattur fil-każ ta' Għawdex. Jekk ma jiġux irkuprati mis-sidien, jinħarrġu l-Avviżi tal-Pulzija relatati u għal informazzjoni ġenerali skond il-liġi, fejn il-Pulzija tkun tista' tiddisponi minnhom wara l-perjodu stipulat.
Ma dawn dwar każi ta' ngombru, l-Agenzija LESA kellha 3363 rapport, u ġew irmunkati 629 il-vettura fis-sena 2021. Fis-sena 2022 kien hemm 2831 rapport, u ġew irmunkati 449 il-vettura u sa l-aħħar t'April 2023 kellha 2776 rapport, u ġew irmunkati 454 vettura.
Ninsab infurmat illi bis-saħħa tal Liġi Sussidjarja 65.13 artikolu (3), barra mill-Pulizja u l-LESA it-tneħħija ta' karozzi abbandunati li jkunu pparkjati fit-toroq jistgħu jitneħħew ukoll mill-Kunsilli Lokali u Transport Malta.

Seduta 128
30/05/2023

**SPTAR MATER DEI – POST OF EMERGENCY AMBULANCE RESPONDER**

**9222. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proċess dwar is-sejħiet li ħarġu dan l-aħħar għal post of Emergency Ambulance Responder? Jista' jgħid kemm minn dawk li applikaw intgħażlu? Jista' jgħid min huma? Jista' jgħid x'kienu l-kriterji tal-għażla? Jista' jgħid jekk ġewx ippubblikati r-riżultati tal-eżamijiet jew interviews li saru? Jista' jgħid kemm kien hemm persuni li ma ntgħażlux?

26/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-riżultati ta' dawk li ġew magħżula ġew ippubblikati. Applikaw 126 persuna u ġew magħżula 56 persuna.

Seduta 128
30/05/2023

**SKEJJEL TAL-GVERN – FILTER FIT-TABLETS**

**9223. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistix filter fit-tablet li jingħata lil studenti mir-Raba' sena 'il fuq sabiex jiffiltra dak li jista' jkun aċċessibli fuq l-internet għat-tfal ta' din l-età?

26/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**FINANCIAL SERVICES GOZO FOUNDATION**

**9228. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'ġara mill-Financial Services Gozo Foundation? Għadha tiffunzjona? Jista' jgħid ukoll min huma l-membri tal-Bord ta' din il-Fondazzjoni?

26/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninsab infurmat li din il-Fondazzjoni ma ġietx maħtura għax evolviet u minflokha ġiet stabbilita, b'liġi, l-Awtorità għall-Iżvillup Reġjonali ta' Għawdex.

Seduta 128
30/05/2023

**FINANCIAL SERVICES GOZO FOUNDATION**

**9229. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'ġara mill-Financial Services Gozo Foundation? Għadha tiffunzjona? Jista' jgħid ukoll min huma l-membri tal-Bord ta' din il-Fondazzjoni?

26/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 128
30/05/2023

**BORMLA – DAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI**

**9232. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-investiment li sar mill-Gvern fid-dar residenzjali tal-anzjani f'Bormla fis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid fiex kien jikkonsisti dan l-investiment u kemm kienet in-nefqa għal kull proġett?

26/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Waqt li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' investimenti li saru fid-dar residenzjali tal-anzjani f'Bormla fil-perjodu msemmi, ninforma lill-Onor. Interpellanta li tali investimenti se jinżammu meta d-dar inkwistjoni tgħaddi mir-refurbishment li teħtieġ biex tilħaq l-istandards neċessarji.

Seduta 128
30/05/2023

**BORMLA – ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM**

**9233. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' anzjani li jattendu kuljum fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Bormla?

26/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva ta' Bormla jattendu madwar 50 membru b'kollox, imqassma fuq ħamest ijiem. Minn dawn 5 biss huma mill-komunità, il-kumplament huma residenti fid-dar residenzjali ta' Bormla. Kull ġurnata jkun hemm madwar 3 persuni mill-komunità peress li dawn ma jattendux kuljum.

Seduta 128
30/05/2023

**BORMLA – ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM - GĦELUQ**

**9234. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'se jiġri mill-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Bormla ġaladarba l-Gvern se jkun qed jagħlaq dan iċ-ċentru?

26/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent l-anzjani li jattendu ċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva ta' Bormla se jkunu rilokati f'ċentru ieħor viċin ta' Bormla u se jkun ipprovdut t-trasport. Madanakollu l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità se tkun qed tiddiskuti mal-kunsill lokali u tesplora possibbiltajiet oħra biex jinfetaħ ċentru ieħor fil-Kottonera biex jakkomoda persuni li jgħixu f'dawn l-inħawi.

Seduta 128
30/05/2023

**BORMLA – ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM - ĦADDIEMA**

**9235. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema jaħdmu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Bormla? Jista' jgħid x'inhu r-rwol u l-grad ta' kull persuna li taħdem f'dan iċ-Ċentru?

26/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva ta' Bormla hemm jaħdmu supervisor u tliet social assistants.

Seduta 128
30/05/2023

**DJAR RESIDENZJALI – PERSUNI LI QED JAGĦMLU MISTOQSIJIET LILL-ANZJANI DWAR VOTAZZJONI FL-ELEZZJONIJIET**

**9236. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni li qed imorru jagħmlu assessment/interview/mistoqsijiet lill-anzjani fid-djar residenzjali sabiex jivverifikaw jekk dawn humiex kapaċi jivvotaw fl-elezzjonijiet li ġejjin? Jista' jgħid kif qed isir dan l-assessment u ċjoè jekk hux l-anzjani kollha jridu joqogħdu għal dan l-assessment/interview/mistoqsijiet, fejn qed isir u kif qed jiġi ddeterminat jekk dawn l-anzjani humiex kapaċi jivvotaw jew le? Jista' jgħid ukoll jekk din id-deċiżjoni tal-panel għandhiex tkun waħda unanima biex jiġi ddeterminat jekk l-anzjani humiex kapaċi jivvotaw u wkoll jekk id-deċiżjoni ta' dan il-panel hijiex waħda finali?

26/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tireferri għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija numru 3044.

Seduta 128
30/05/2023

**RABAT, GĦAWDEX - UFFIĊĊJU TAT-TRASPORT PUBBLIKU - FTUĦ**

**9237. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba qed jiftaħ l-uffiċċju tat-Trasport Pubbliku fil-Bus Terminus fir-Rabat, Għawdex?

26/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 7852, li għamel hu stess.

Seduta 128
30/05/2023

**AIR MALTA – FLOTTA TAL-AIRBUS IL-ĠDID**

**9241. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema bank għen fil-finanzjament tat-tiġdid tal-Flotta tal-Airbus il-ġdid?

26/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi din l-informazzjoni hija kummerċjalment sensittiva, u għalhekk ma tistax tingħata.

Seduta 128
30/05/2023

**KUMPANIJA GOVERNATTIVA LI GĦANDHA SLOTS FL-AJRUPORT TA' HEATHROW**

**9242. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema kumpanija governattiva għandha l-islots ta' London Heathrow ġewwa r-Renju Unit, u x'inhu l-prezz stmat ta' dawn l-islots?

26/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-islots ta' London Heathrow ġewwa r-Renju Unit qegħdin għand il-kumpanija Malta Med Air. Informazzjoni dwar il-valur ma tistax tingħata peress li hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 128
30/05/2023

**AIR MALTA – ROTOT ĠODDA**

**9243. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema rotot ġodda tal-Air Malta ġew introdotti fl-2018, u jekk kienx hemm xi riċerki tas-suq imwettqa li wasslu li jiġu introdotti dawn ir-rotot? Jekk iva, kemm swew dawn ir-riċerki, u fuq liema bażi ġew introdotti dawn ir-rotot?

26/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 128
30/05/2023

**AIR MALTA – XIRI TA' AJRUPLANI**

**9244. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif l-Air Malta bdiet proċess biex tordna u tixtri ajruplani A321XLR, u kif kien iffinanzjat l-ordni ta' dawn l-ajruplani? Għal liema rotot kienu se jintużaw dawn l-ajruplani? Min kien qed imexxi n-negozjati?

26/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ordni taż-żewġ "long haul planes" A321XLR kient saret mill-Malta Med Air f'Ottubru ta' 2019 wara li ġiet awtorizzata mill-Ministeru tat-Turiżmu. Dawn l-ajruplani ġew ordnati biex jinkrew mill-Malta Med Air lill-Air Malta.
Din l-ordni ġiet rinegozjata minn żewġ A321XLR għal tliet ajruplani tat-tip Airbus A320NEO fl-Lulju 2021. Ma kien hemm l-ebda penali jew telf sabiex l-ordni ġiet rinegozjata. In-negozjati tmexxew mill-Air Malta.

Seduta 128
30/05/2023